MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 50

24 ta' April 2023

Minuti tas-seduta Nru. 50 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 24 ta' April 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra R. Bartolo Cutajar u G. Micallef, li segwew is-seduta b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 49 tad-29 ta' Marzu 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Attività f'Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 2.1.2. tas-seduta ta' qabel u ppropona fit-22 ta' Ġunju 2023 għandha tingħalaq Triq Ġorġ Borg Olivier sakemm jinżel il-bandu, filwaqt li l-karozzi tal-linja jieqfu jinstennew fi Triq il-Kbira u Triq il-Marfa, kif isir fil-każ tal-purċissjonijiet reliġjużi. Traffiku ieħor jista' jgħaddi minn Triq l-Erwieħ, u fid-direzzjoni opposta minn Triq Lewis Wettinger. Huwa ppropona wkoll li l-ħuġġieġa tingħata f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-ħuġġieġa tista' tikkawża ħsara fil-pavimentar u għalhekk ikun aħjar li jinstabilha post ieħor.

2.1.4. Is-Sindku D. Vella wieġeb li l-ħuġġieġa tista' issir f'kontenitur jew fuq pjanċa tal-ħadid li jkunu maqtugħa mill-art.

2.1.5. Il-Kunsill approva l-arranġament propost mis-Sindku skont l-minuta 2.1.2. u 2.1.4.

**2.2.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard** **(T/4/7/Vol III)**

2.2.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-laqgħa li kellha ssir mal-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġiet ikkanċellata minħabba impenji oħra minn naħa tagħhom. Huwa qal li qed issir insistenza sabiex jiġi ffissat appuntament ieħor.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Xogħlijiet marbuta ma' utilitajiet pubbliċi** **(W/2/Vol II)**

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.10.4. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret spezzjoni minn uffiċjali ta' Enemalta, il-Kuntrattur, flimkien miegħu, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, bil-għan li tiġi evalwata l-kwalità tax-xogħlijiet f'dak li huwa *reinstatement*, kif ukoll ġew identifikati l-pendenzi li għad fadal. Din l-ispezzjoni kienet tinvolvi Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Churchill, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq San Ġużepp, Triq il-Wied, Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq il-Parroċċa.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.4.1. Ħarġiet kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u ppproponiet li l-ħarġa li jmiss tkun lejn it-Tempji Neolitiċi ta' Ħal Tarxien fis-27 ta' April 2023.

2.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**2.5.1. Installazzjoni ta' sistema CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier** **(C/9)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 3.2.1. tas-seduta preċedenti u qalet li ġiet avviċinata minn operaturi ta' negozji fit-triq imsemmija li jistaqsu dwar jekk il-*cameras* humiex jiffunzjonaw. Hija ppproponiet li l-Kunsill għandu jinforma lill-pubbliku fejn wasal il-proġett.

3.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li s-sistema għadha mhux tiffunzjona, minkejja li l-infrastruttura meħtieġa ġiet installata. Fakkar ukoll li diġa ngħata tagħrif sa fejn wasal il-proġett permezz tal-aħħar ħarġa tal-magazin "Mill-Qiegħa" kif ukoll fil-media soċjali tal-Kunsill. Huwa qal l-istess proċedura għandha tiġi ripetuta meta l-*cameras* jibdew jaħdmu.

3.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-operaturi ta' negozji għandhom jiġu nfurmati hekk kif tkun magħrufa d-data meta jibdew jiffunzjonaw il-*cameras*, filwaqt li għandu jingħata ħmistax-il jum ta'grazzja, qabel isir infurzar permezz tagħhom.

**2.6.1. Laqgħa mal-Kunsill Skolastiku** **(S/3/3)**

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.13.1. tas-seduta ta' qabel u ppproponiet li għandha ssir laqgħa mal-Kunsill Skolastiku kif riċentement ġie rikostitwit.

2.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.7.1. Kustodja tal-kumpless tal-Irżieżet f'Selmun** **(P/10/3A)**

2.7.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar kienx hemm żviluppi fuq din il-materja.

2.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saru żewġ laqgħat mal-konsulent legali tal-Kunsill fl-10 ta' Marzu u fit-3 ta' April 2023, li servew primarjament sabiex jingħata tagħrif

lill-avukat bil-għan li jkun jista' jingħata parir dwar it-talba li l-Kunsill għandu mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa.

2.6.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li kif kien maqbul fis-seduta preċedenti, l-għamara u oġġetti oħra tal-Għaqda inġiebu fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jinżammu temporanjament sakemm l-għaqda jkollha s-sede tagħha.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa (P/10/37)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar il-proġett imsemmi.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ġiet infurmata dwar is-sitwazzjoni u ngħata l-parir sabiex jiġi terminat il-kuntatt u ssir sejħa ġdida. Huwa qal li l-istess parir ngħata mill-konsulent legali tal-Kunsill, li wkoll kien tal-istess opinjoni.

3.1.4. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li minn jagħmel ix-xogħol għandu jkollu liċenzja biex jagħmel dan mis-Sovrintendenza tal-Partimonju Kulturali.

3.1.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar jekk għandhiex tibqa' issir insistenza li l-ġebla tkun dik tal-Mellieħa, jew inkella l-offerenti jintalbu jikkwotaw ukoll għal restawr bil-ġebla tal-franka.

3.1.6. Ġew espressi opinjonijiet kontra l-ħruġ tas-sejħa b'żewġ *options* minħabba li ma tkunx tista' ssir evalwazzjoni ġusta b'dan il-mod.

3.1.7. Fid-dawl tal-problemi li kien hemm biex tinstab ġebla tal-Mellieħa, kif billi l-istruttura trid kolha mill-ġdid, il-Kunsill kien tal-fehma li s-sejħa għandha ssir bil-ġebla tal-franka li tista' tiġi trattata kontra l-elementi bil-kimiċi li jeżistu fis-suq.

3.1.8. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li t-terminazzjoni tal-kuntratt għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet sodi sabiex il-kuntrattur konċernat ma jirribattihiex.

3.1.9. Il-Kunsill iddieċieda wkoll dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt, skont il-pariri mogħtija, kif ukoll għandha ssir talba lill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral sabiex il-kofinanzjament minn fondi Ewropej ma jiġix irtirat.

### 3.2.1. Arranġamenti tat-traffiku fix-Xemxija u fil-Wied tal-Mistra (T/3/2/Vol XVI)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk kien hemm żviluppi dwar il-proposta tat-*traffic lights* fuq il-pont tal-Mistra, u dwar l-eliminazzjoni ta' *pedestrian crossing* u qsim bil-veturi ta' korsiji opposti fejn ir-Riżerva tas-Simar.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li ma kienx hemm rispons minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

### 3.3.1. Ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier (W/3/1/Vol VIII)

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal korrispondenza datata 10 ta' April 2023 dwar is-suġġett tagħha.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li din saret minn operatur tal-vjaġġi li staqsa dwar jekk huwiex ser jibqa' possibbli li jniżżlu passiġġieri residenti fl-imsemmija lukanda meta tibda taħdem is-sistema tas-CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Fit-tweġiba li ngħatat intqal li din hija materja li taqa' fid-diskrezzjoni tal-uffiċċjali tal-ordni, u għaldaqstant m'għandhiex tkun affettwata bil-mod kif issir is-sorveljanza.

**3.4.1. Post għall-ipparkjar riżervat għall-persuna b'diżabilità fi Triq il-Parroċċa (P/8/2/Vol IV)**

3.3.4. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal korrispondenza datata 12 ta' April 2023 dwar l-allokazzjoni tal-faċilità imsemmija. Huwa staqsa dwar jekk tali persuni humiex eżentati li jneħħu l-vetturi tagħhom f'każ ta' purċissjonijiet reliġjużi, funerali eċċ, li jgħaddu minn Triq il-Parroċċa.

3.3.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li din taqa' fid-diskrezzjoni tal-forzi tal-ordni li normalment ma jagħmlux eċċezzjonijiet għalkemm jirrikorru għal alternattivi oħra biex ma jxekklux avvenimenti tat-tip imsemmija.

***3.4.1.*** **PA 8445/21 - *Panoramic Lift* bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur (P/8/4)**

5.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-applikazzjoni msemmija u staqsa f'liema stadju ta' ipproċessar kienet waslet.

5.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li t-talba ser tiġi diskussa u deċiża mill-Bord tal-Ippjanar peress li kien hemm oġġezzjonijiet dwarha mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u mid-*Design Advisory Committee* fi ħdan l-istess awtorità.

5.5.4. Il-Kunsill approva l-pjanti mressaqa.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Xiri Meħtieġ – 21/04/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 07/03/23 – 21/04/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/03/23 – 21/04/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. PA 1840/23 – Żvilupp propost fi Triq Adenau u Triq Dun Franġisk Sciberras (P/5/8/D)**

5.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi twaqqiegħ ta' żewġt d-djar, bidla fl-użu minn appartamenti kif approvat f'PA 3379/16 għal aparthotel ta' 4 stilel (klassi 3B), u estensjoni tal-istess pjanti approvati fuq ġenb wieħed u livelli addizzjonali ta' kantini. Il-proposta tinkudu wkoll 29 appartament żgħir, 11-il kamra tas-sodda waħda u 40 appartament b'żewġ kmamar tas-sodda, spa (Klassi 3C), pixxini ġewwa u barra (Klassi 3C), uffiċċji, kamra tal-konferenzi (Klassi 4A), żoni ta' parkeġġ, żoni għall-kolazzjon u għall-preparazzjoni tal-ikel (Klassi 4D), riċevimenti, żona tar-ristoranti u *wine bar* (Klassi 4D); bħala faċilitajiet anċillari għal-lukanda, kif ukoll 3 ħwienet tal-Klassi 4B.

5.1.3. Il-Kunsill innota li l-proposta tikkostitwixxi żvilupp intensiv ħafna, filwaqt li diġa hemm żvilupp tal-istess natura, biswit u faċċata s-sit in kwistjoni.

**5.2.1. PA 3488/19 - Bini ta' Lukanda 3 Star fi Triq il-Marfa (P/5/8/S)**

5.2.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni msemmija li tinvolvi art konfinanti minn Triq il-Marfa, iċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena, u art agrikola fl-inħawi Ta' Skrajda. L-applikazzjoni tinvolvi żvilupp ta' *aparthotel* ta' tliet stilel, filwaqt li kienet saret applikazzjoni oħra – PA 0071/08 - għall-istess art liema talba kienet ġiet irtirata mill-istess applikant. Fl-ittra msemmija intqal li t-talba qiegħda għad-deċiżjoni mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar fis-seduta pubblika li ser issir fit-28 ta' April 2023 fl-10.00 am.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-Kunsill kien oġġezzjona billi s-sit jinsab f'wied u 'l barra miż-żona tal-iżvilupp, filwaqt li kemm-il darba jimbena, jimpedixxi t-tkabbir taċ-ċimiterju. Tali tkabbir jista' jsir biss f'żona barra mill-konfini tal-iżvilupp.

5.2.4. Il-Kunsill innota li s-smiegħ ta' din l-applikazzjoni mill-Kummissjoni kien differit b'mod indeffinit.

**5.3.1. Kors fir-restawr tal-affreski** **(S/6/Vol VII)**

5.3.2. Saret referenza għal ittra data 14 ta' Frar 2023, fejn l-Art Club 2000 għarrfu li tmien membri msieħba fil-klabb tagħhom jixtiequ jsegwu kors ta' sebat-ijiem fis-sengħa tar-restawr tal-affreski li ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Comune di Treglio u l-Associazione Culturale per L'Affresco bbażati fi Chieti fl-Abruzzo fl-Italja. Fl-istess ittra ntqal li l-ispiża totali għall-klabb tammonta għal €6,540, li parti minnha hija l-prezz tal-kors nnifsu. Appellaw għat-tisħib tal-Kunsill f'din l-inizjattiva.

5.3.3. Il-Kunsill laqa' it-talba fid-dawl tas-servizzi li l-Kunsill jirċievi mingħand l-Art Club 2000 fir-rigward tal-attivitajiet popolari li jiġu organizzati matul is-sena, kif ukoll il-kustodja tal-Mużew tat-Tunnara. Għaldaqstant talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-prezz tal-kors sabiex jiġi kofinanzjat sa massimu ta' €1,200. Din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.4.1. Bank f'post pubbliku bil-bandiera Ewropea** **(M/6/Vol V)**

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal Ċirkolari AKL2023/027 tat-12 ta' April 2023, fejn l-Asoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat li ġiet avviċinata mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa Malta sabiex il-Kunsilli Lokali jissieħbu fi proġett fejn il-lokalitajiet ikollhom bank ġo post pubbliku bħal pjazza, ġnien jew bandli biex jiġi impiġi b'tema u b' kuluri tal-bandiera Ewropea. Is-Sur C. Debono qal li kellha tingħata tweġiba qabel din is-seduta u għalhekk saret proposta biex din titwettaq fuq bank preferibbilment fi Ġnejnet l-Emigranti u t-tieni preferenza ngħatat lill-Park tal-Familja.

5.4.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposta.

**5.5.1. Estensjoni fl-isem ta' Triq Vincenzo Ciappara** **(T/4/1/Vol IV)**

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 4 ta' April 2023 mibgħut mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, fejn ġie propost li l-isem ta' Triq Vincenzo Ciappara jiġi estiż sa Triq il-Mitħna l-Ġdida bil-għan li jiffaċilità l-għoti ta' numri lill-bibien. Għaldaqstant l-isem ta' Triq Monsinjur Ġużeppi Schembri jkun limitat għal fuq wara tal-Binja tal-Awtorità tad-Djar.

5.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**5.6.1. Ftehim dwar l-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja** **(S/4/1/5)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datat 11 ta' April 2023 mibgħut mill-President tas-Selmun Sports Club fejn għarraf li l-klabb issa ġie reġistrat uffiċjalment bħala organizzazzjoni volontarja bir-referenza VO/2367. Għaldaqstant talbu li jiġi ffinalizzat il-ftehim skont l-abbozz mgħoddi lilhom, biż-żieda fl-użu ta' kamra oħra ndikata fuq il-pjanta bħala Store Nru. 4 annessa mal-istess abbozz. Għaddew ukoll l-inventarju tat-tagħmir li diġa hemm fil-kamra li attwalment qed tiġi użata mill-klabb.

5.6.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fl-iStore Nru. 2 hemm it-tagħmir tat-Tritons u għal xi żmien kien jintuża minn SportMalta. Kompla jgħid li l-iStore Nru. 3 jintuża mit-tim tan-Netball u mil-Libertas. Qal li ma jarax li għandu jkun hemm oġġezzjoni li l-iStore Nru. 4 jiġi allokat lis-Selmun Sports Club, iżda ġibed l-attenzjoni li hemm xi tagħmir tal-Kunsill li qed jinżamm hemm, kif ukoll li din hija waħda mill-kmamar affettwati bid-dħul tal-ilma.

5.6.4. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim bl-inklużjoni tal-użu tal-iStore Nru. 4.

## 5.7.1. Xogħlijiet tal-arti fil-beraħ fi Triq il-Kbira (A/11)

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat l-1 ta' Marzu 2023 mibgħut mill-artista Kirsty Vella. Hija ressqet proposta sabiex tinżebagħ ir-refgħa tat-taraġ li jinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena, kif kien indikat fis-Seduta Nru. 48 tal-1 ta' Marzu 2023. Fl-istess imejl dan l-intervent ġie stmat €600 li jkopru d-diżinn, il-materjal meħtieġ u x-xogħol involut.

5.7.3. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol artistiku, kif ukoll qabel li għandu jsir puġġamen tal-ħadid li jaqbel ma' dak eżistenti fi Triq Sant' Anna, minflok dak eżistenti.

## 5.8.1. Ċelebrazzjoni tal-25 Anniversaju tal-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau (K/1/5/Vol IV)

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li baqgħu għaddejjin il-kuntatti bejn il-Kunsill, is-Società La Vittoria, u l-Kunsill Lokali ta' Adenau. Permezz ta' imejl datat 21 ta' April 2022, il-Kunsill ta' Adenau għarfu li:

- Għas-serata kommemorattiva tas-16 ta' Settembru huwa maħsub li jingħata premju lil persuna li kkontribwiet sabiex jissaħħaħ il-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau. Dan ser isir wkoll fil-każ tal-ġemellaġġ li huma għandhom ma' Sillery u Castiglione della Presolana;

- Il-programm taż-żjara f'Cologne tat-18 ta' Settembru ġie finalizzat;

- Għaddejjin il-kuntatti sabiex issir iż-żjara fil-bini tal-Kumitat tal-Parlament Ewropej fi Brussels, tal-20 ta' Settembru 2023, li bi grupp daqshekk kbir jeħtieġ li jkunu jafu biħ minn qabel;

- Ma rnexxielhomx jottjenu fondi Ewropej biex jagħmlu tajjeb għat-trasport tal-grupp li huma qed jistmaw li jiġi jiswa €8,000. Għaldaqstant qed jaraw li jiġbru kwotazzjonijiet minn naħa tagħhom sabiex tiġi stabbilita l-ispiża nvoluta, li ma jidhrux li lesti jerfgħu huma.

5.8.3. Fir-rigward tal-itinerarju taż-żjara kollha, il-Kunsill ġie nfurmat li l-ex-Sindku ta' Adenau Bernd Schiffarth bgħat verżjoni emendata fir-rigward tal-waqfa fi Brussell, kif ukoll dwar iż-żjara ta' Nurburgring.

5.8.4. Kif mitlub, il-Kunsill iddiskuta n-nomina ta' persuna għall-Midalja Ewropea. Il-Viċi Sindku John Buttigieg ġie nominat għal dan il-premju minħabba l-merti tiegħu fil-promozzjoni tal-ħbiberija ma' Adenau waqt li kien fil-kariga bħala Sindku bejn: April 2002 – Marzu 2008 u April 2013 – Ġunju 2019. Huwa ospita wkoll delegazzjoni minn Adenau f'April 2006 għaċ ċelebrazzjoni tal-10 Anniversarju tal-ġemellaġġ, u mexxa grupp magħmul mill-Kor u l-Orkestra Maria Bambina f'Adenau waqt żjara ta' skambju f'Ġunju/Lulju tal-istess sena.

5.8.5. Rigward l-ispejjeż tat-trasport, il-Kunsill wera d-diżappunt tiegħu, peress li wara l-laqgħa onlajn li saret bejn delegazzjonijiet miż-żewġ lokalitajiet bil-parteċipazzjoni ta' uffiċjali mis-Società La Vittoria, kien ġie mwiegħed li dawn ser ikopruhom kollha l-Kunsill Adenau. Ġie nnutat ukoll li l-Kunsill tal-Mellieħa affaċċja sitwazzjoni simili rigward il-fondi mill-UE, u konsegwentement il-Kunsill Lokali u l-Banda La Vittoria qablu li jagħmlu tajjeb għall-akkomodazzjoni. Is-Società La Vittoria wriet li mhijiex f'pożizzjoni li tassorbi aktar spejjeż.

5.8.6. Fid-dawl ta' dan, kien hemm qbil li l-Kunsill ta' Adenau għandu jintalab jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu mill-ġdid, u jkopri l-ispejjeż tat-trasport skont l-itinerarju, sabiex kull waħda mit-tliet partijiet involuti f'din iċ-ċelebrazzjoni tas-sħubija ġġorr porzjon raġonevoli mill-ispejjeż, hekk li dan it-tragward importanti jitmexxa b'suċċess. Il-Kunsill qabel ukoll li l-

ispirtu ta' reċiproċità li evolva bejn iż-żewġ lokalitajiet matul is-snin, għandu jinżamm għal avvenimenti futuri li jseħħu fil-komunitajiet rispettivi.

**5.9.1. Danni kkawżati fuq vettura MQZ 048** **(D/5/Vol II)**

5.9.2. Saret referenza għall-talba rigward danni sofferti mill-utent ta' vettura tal-kiri msemmija fejn qed jallega li fil-21 ta' Awwissu 2022 huwa qasam tyre minħabba l-istat ħażin tal-parti ta' fuq ta' Triq it-Tumbrell li fil-fatt qatt ma ġiet asfaltata. L-ewwel talba għamilha ma' Infrastructure Malta li wieġbuħ illi t-triq taqa' fir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali. Il-persuna konċernata għadda rapport tal-Pulizija, kif ukoll kont ta' €369.60.

5.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jinżamm responsabbli għad-danni, peress li t-triq in kwistjoni qatt ma ġiet asfaltat kif suppost. Minkejja dan, kien hemm qbil li għandu jintalab parir legali dwar d-dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward fl-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363) u l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap 588).

**5.10.1. Ambjent terapewtiku għal persuni jbagħtu mid-dimensia** **(M/8/Vol VIII)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 13 ta' April 2023, mibgħut mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità li qed jappella lill-Kunsill sabiex ikun parteċipi f'inizjattivi intiżi sabiex jinħoloq ambjent fid-djar tal-anzjani tal-Gvern li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jbagħtu mid-dimensia. Dan jinvolvi l-preżenza ta' pjanti, bankijiet, ħsejjes rilassanti, eċċ.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din l-inizjattiva u għaldaqstant talab li ssir laqgħa mad-diriġenti tagħha bil-għan li jiġi stabbilit kif tista' tingħata għajnuna. Din id-deċiżjoni ttieħdet sakemm it-tagħmir ma jaqax fl-ambitu tal-obbligi tal-kuntrattur involut fl-immaniġġjar ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

**5.11.1. Kontroll tat-traffiku fi Triq il-Marfa fl-Għadira** **(T/3/3/Vol IV)**

5.11.2. Il-Kunsilliera G. Micallef ippropona li ssir laqgħa ma' Transport Malta bil-għan li jiġu diskussi soluzzjonijiet li jnaqqsu l-konġestjoni u titjieb fis-sigurtà matul ix-xhur tas-sajf.

5.11.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li rondi mill-uffiċjali fuq il-mutur ta' Transport Malta fil-fatt isiru, kif kien il-każ fil-Ħadd ta' qabel.

**5.12.1. *International Fireworks Festival* 2023** **(A/5/5/Vol VII)**

5.12.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fit-12 ta' April 2023 saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, li għaliha attendew rappreżentanti mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, s-Società La Vittoria, u l-Għaqda Mużikali Imperial, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Dan billi parti mill-avveniment ser isseħħ fil-Mellieħa fis-27 ta' April 2023, bl-involviment wkoll tal-Għaqda tan-Nar Maria Bambina. L-iskop huwa li tinħoloq atmosfera ta' festa Maltija billi ser jattendu numru ta' delegati minn pajjiżi barranin li ser jieħdu sehem f'konferenza dwar il-piroteknika. Huwa qal ukoll li saret laqgħa ma' Transport Malta fejn ġie stabbilit li traffiku fiż-żoni ta' Ġnien Ingraw u Qasam Barrani għandu jkun ristrett għar-residenti biss.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li l-arranġamenti maqbula għandhom jiġu mgħoddija lill-pubbliku permezz tal-media soċjali.

**5.13.1. Laqgħa mas-Sindku ta' Agia Napa** **(K/1/5/4)**

5.13.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fil-21 ta' April 2023 saret żjara ta' korstesija mis-Sindku ta' Agia Napa Christos Zannettou fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Flimkien miegħu, attendew ukoll il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Ipparkjar ta' vetturi għall-persuni b'diżabilità fil-Mistra** **(P/8/1/Vol IV)**

5.14.2. Is-Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li hemm nuqqas tal-faċilitajiet għall-ipparkjar ta' vetturi wżati minn persuni b'diżabilità fil-Bajja tal-Mistra, u għaldaqstant ippropona li dawn jiġu pprovduti.

5.14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont ma jipprovdu l-linji gwida ta' Transport Malta dwar dan is-suġġett.

**5.15.1. Mistoqsijiet Parlamentari** **(P/1/2/Vol VIII**

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-mistoqsijiet parlamentari 3794; 7956, 3957 u staqsa dwar ir-rispons li kien hemm għalihom minn naħa tal-Kunsill.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li r-rispons li ngħata lill-Ministeru tal-Kultura, l-Arti u l-Gvern Lokali kienu kif ġej:

| |
|---|
| PQ 3794 – L-Onor Robert Cutajar staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali - Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u Care Malta Ltd minn Jannar 2019 u Ottubru 2022 dwar it-Teatru Grieg li jinsab fi Ġnien il-Qigħan fil-Mellieħa biswit Dar il-Madonna tal-Mellieħa? |
| Tweġiba lill-Ministeru: Kif mitlub, qed ngħaddi li korrispondenza kollha li għaddiet bejn dan il-Kunsill u CareMalta Ltd dwar il-parti ta' isfel ta' Ġnien il-Qigħan, fil-perjodu ndikat.<br><br>Ninfurmak ukoll li l-Kunsill ressaq protest ġudizzjarju fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-istess kumpanija, dwar it-twaqqif tal-*fence* biex ingħalqet il-parti t'isfel tal-ġnien, kif ukoll fuq il-ħsara li saret fis-sistema tad-dwal f'dan il-proċess. |

| |
|---|
| PQ 7956 – L-Onor Robert Cutajar staqa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali - "B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3794 dwar it-Teatru Grieg li jinsab fi Ġnien il-Qigħan fil-Mellieħa li kien ġie inawgurat mill-Kunsill Lokali f'Lulju 2008, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha |
| Tweġiba lill-Ministeru: Il-Korrispondenza kollha li kien hemm bejn il-Kunsill u CareMalta Ltd kienet mehmuża mat-tweġiba mogħtija minn naħa tagħna permezz ta' imejl datat 10 ta' Novembru 2022, hawn mehmuż għal aktar ħeffa. |

| |
|---|
| PQ 7957 – L-Onor Robert Cutajar staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali - "Jista' l-Ministru jgħid fiex kellu jikkonsisti l-proġett imwettaq mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa permezz ta' fondi Ewropej fiż-żona ta' Selmun, primarjament fil-post fejn qabel kien hemm kumpless ta' rziezet, fl-2012, u jgħid ukoll x'użu għamel minn dan il-post l-istess kunsill lokali bejn l-2013 u l-2023? Jista' jgħid ukoll jekk il-ftehim u l-obbligazzjonijiet li kienu originarjament jorbtu lill-istess kunsill *vis-a-vis* il-fondi mogħtija nżammux?" |
| Tweġiba lill-Ministeru: Fl-istess żmien meta saret l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej kienet ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar – PA 2368/09 – li kienet tinvolvi r-restawr u l-konservazzjoni tal-kumpless tal-irziezet f'Selmun, fost binjiet oħra, liema talba kienet ġiet approvata u abbażi tagħha ġew allokati l-fondi. Meta tlestew dawn ix-xogħlijiet, kienet saret it-tieni applikazzjoni – PA 2481/13 – li tinvolvi fost oħrajn l-użu |

tal-irziezet bħala ċentru ta' interpretazzjoni, liema applikazzjoni għadha pendenti minħabba nuqqas ta' aċċessibbilta għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-każ anke ġie trattat mit-*Test for Reasonableness Board (TORB),* iżda rriżulta li l-interventi mitluba mill-Bord jaffettwaw b'mod drastiku l-aspett estetiku tal-istess binjiet.

5.15.4. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li l-applikazzjonijiet li saru fl-2009 mal-Awtorità tal-Ippjanar u li eventwalment abbażi tagħhom ġie approvat il-finanzjament tal-proġett tal-*heritage trail* ta' Selmun, kienu jinvolvu biss ir-restawr tal-binjiet kollha, inkluż l-irziezet ta' Selmun. L-applikazzjoni li saret dwar l-użu tal-irziezet bħala ċentru ta' interpretazzjoni saret f'Ottubru 2012 u ġiet validata f'Awwissu 2013, wara li ntemmu l-interventi kollha.

5.15.5. Il-Viċi Sindku aċċenna wkoll għal *post* li kien hemm fil-media soċjali dwar nuqqas ta' manutenzjoni fuq il-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja. Huwa qal li sfortunatament il-pubbliku ngħata impressjoni negattiva tal-Kunsill, minkejja li qed isiru sforzi kollha biex l-interventi meħtieġa jsiru u jitwettqu fil-parametri tal-liġi. Is-Sur J. Buttigieg rrefera għal korrispondenza mibgħuta lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali datata 28 ta' Marzu 2023 fejn saret referenza għall-iskema SPI/SCI/2/2021 li permezz tagħha kien hemm għotja ta' €38,835, intiża sabiex issir il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court*. L-istima tal-proġett hija stmata li tlaħħaq €112,269. Billi matul l-2022 saru tliet sejħiet għall-offerti li ma ħallewx ir-riżultati mixtieqa ntalbu stimi mingħand diversi kuntratturi, bil-għan li jinkiseb il-permess tal-Ministru sabiex ix-xogħol jitwettaq bil-proċedura tad-*direct order*. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, id-Diviżjoni ġiet mistoqsija dwar jekk il-Kunsill huwiex eliġibbli li japplika taħt l-iskema SPI/SCI/05/2023 sabiex titnaqqas id-differenza bejn l-għotja u l-istima tal-proġett?

### 5.16.1. Spusstjar ta' arblu bil-lampa tat-triq fi Triq Għajn Żejtuna (E/1/3/Vol III)

5.16.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għal talba li saret mir-resident tal-fond 218, Triq Għajn Żejtuna sabiex jiġi spusstjat arblu li qed jostakola l-aċċess għal garaxx wara alterazzjonijiet riċenti li saru fil-binja.

5.16.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.17.1. Żona pedonali fi Triq Ġużè Flores (T/3/2/Vol XVI)

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għar-rakkomandazzjoni li kienu saru sabiex parti mill-pjan ta' SLOW STREETS, tingħalaq Triq Ġużè Flores fil-parti bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace. Dan bil-għan li tinħoloq żona pedonali li tgħaqqad il-Park tal-Familja ma' Ġnien Dun Anton Debono.

5.17.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li fil-passat kien hemm l-intenzjoni li jsir l-istess arranġament li kien hemm oġġezzjoni għalih mir-residenti fiż-żona tal-Ibraġ.

5.17.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.17.2 u qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta għal dan l-effett.

### 5.18.1. Sessjonijiet ta' tagħlim kordinati mill-Kunsill (E/3/1/Vol III)

5.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li tingħata taħdita dwar *roof insultation* bit-tkabbir ta' kaktus u sukkulenti f'kontenituri porużi u ċatti li wieħed jista' jiksi il-bejt bihom.

5.18.3. Kien propost ukoll li jiġi estiż il-kors tal-*keep fit* permezz ta' ħames sessjonijiet oħra li jsiru nhar ta' Erbgħa fis-Sala tal-Kunsill.

5.18.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 5.19.1. Jum l-Omm 2023 (A/1/1/Vol II)

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fl-14 ta' Mejju 2023 jitqassmu fjuri lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u dawk li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva.

5.19.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.20.1. Kolliżjonijiet fi Triq Għajn Żejtuna k/m Triq il-Kbira** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.20.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm sewwieqa li jmorru fuq il-korsija opposta meta jduru minn Triq il-Kbira għal Triq Għajn Żejtuna. Huwa għaldaqstant ippropona li l-linja ta' nofs it-triq titwal iktar.

5.20.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment imressaq, kif ukoll li jsiru *road studs (cat eyes)* fil-parti l-aktar affettwata.

**5.21.1. Tabelli ta' informazzjoni fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/1)**

5.21.2. Il-Kunsilliera K. Buttigieg aċċenna li diversi tabelli fil-Park tal-Familja tilfu l-kulur jew huma nieqsa.

5.21.3. Ittieħdet nota sabiex dawn jerġu jsiru.

**5.22.1. Fastidju lir-residenti fi djarhom** **(P/9/4)**

5.22.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għal inċidenti rrappurtati fiż-żona ta' Santa Marija Estate fejn numru ta' żgħażagħ qed iċemplu jew iħabbtu l-bibien u jitilqu jiġru.

5.22.3. Ittieħdet nota sabiex l-ilment jiġi mgħoddi lill-Pulizija tal-Komunità.

**6.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

**"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2022 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 47 tat-22 ta' Frar 2023; u**

**Billi t-tibdil li sar fil-verżjoni oriġinali tal-imsemmija Stqarrijiet Finanzjarji, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri, kif ukoll mill-accountant inkarigat mill-Kunsill;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji 2022, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawhom u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".** **(F/1/2/Vol IX)**

6.2. Għal din il-parti tas-seduta assista b'mod virtwali l-*Accountant* tal-Kunsill – is-Sur Daniel Galea. Huwa spjega illi wara l-verifika, l-udituri talbu li jsiru tliet aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji, kif ippreżentati fi Frar 2023, li kienu jinvolvu:

(i) *Accruals* immaterjali ta' €295 u €173, li kienu kontijiet li waslu wara Frar 2023, iżda li kienu jappartjenu akkwisti li saru fl-2022; u

(ii) Aġġustament ta' €3,750 fin-nefqa nvoluta fl-Iljieli Mellieħin 2022.

6.3. Is-Sur Galea kompla jispjega li s-*surplus* rikorrenti għas-sena 2022 issa ġie jammonta €99,737, filwaqt li l-assi kurrenti kumulattivi jammontaw €1,463,127.

6.4. Billi wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw ma kienx hemm kummenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

7.1. **Skambju ta' żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia** **(K/1/5/3/Vol II)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li wara kuntatti preliminari li saru f'20 ta' April 2023 mal-Mellieħa Football School mill-Kunsillieri A. Brincat Stellini u K. Buttigieg, issejħet

laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill, li għaliha attendew il-kunsillieri msemmija, kif ukoll is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, fejn ġew indikati l-ħtiġijiet marbuta maż-żjara, ippjanata għal lejn il-bidu ta' Settembru 2023. Il-ħtiġijiet li ġew msemmija jikkonsistu mill:

- L-Akkomodazzjoni għall-grupp ta' 16 tfal u żewġ adulti;
- L-Ikliet;
- It-trasport minn u għall-ajruport, flimkien mal-eskurżjonijiet; u
- Il-lezzjonijiet tal-Ingliż.

7.3. Is-Sur C. Debono qal li fil-laqgħa kien miftiehem li l-akkomodazzjoni possibilment tiġi pprovduta fil-hostel tal-Mellieħa Sports Club bi prezz skontat u koperta mill-Kunsill Lokali. L-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet l-oħra ikoprihom il-Kunsill. Huwa ppropona li possibilment is-sehem tal-klabb għandu jkun iktar, u għaldaqstant ippropona li ssir laqgħa oħra mad-diriġenti tal-klabb.

7.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 7.3.

7.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ressqet abbozz tal-programm taż-żjara li ser issir fil-Mellieħa bejn is-27 ta' Awwissu u t-2 ta' Settembru 2023, li ser tkun tinkludi erba' lezzjonijiet tal-Ingliż ta' tliet siegħat kull waħda filgħodu u wara nofsinhar jittieħdu jgħumu f'bajjiet differenti. Spjegat li ġew nklużi ukoll żjarat f'postijiet ta' interess fil-Mellieħa, kif ukoll oħra fl-Imdina, u attendenza għall-attivitajiet marbuta mal-Festa tal-Vitorja. Kien propost ukoll li l-ikliet isiru fis-sede tal-għaqdiet varji li jeżistu fil-Mellieħa, inkluż dawk politiċi.

7.6. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet ukoll li hija ġiet ikkuntattjata minn uffiċjal fil-Comune di Cavriglia li apparti ż-żewġ adulti li ser ikunu jakkumpanjaw il-grupp tul il-perjodu taż-żjara, ser jiġu żewġ uffiċjali oħra li ġejjin fl-1 u 2 ta' Settembru. Hija għarrfet ukoll l-etajiet tat-tfal ser ikunu bejn 12 u 15-il sena.

7.7. Il-Kunsill approva l-programm kif imressaq.

**8.1. Sejħa għal kwotazzjonijiet MLC 1/2023 – Twaqqif ta' bust u pedestal ta' Jimmy Muscat f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (M/9)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għall-kwotazzjonijiet għalqet għalqet fis-17 ta' April 2023 u rriżulta li ma kienx hemm rispons għaliha.

8.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ mill-ġdid.

**9.1. Sejħa għal kwotazzjonijiet dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li wara tliet sejħiet għall-offerti dwar il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court*, saret sejħa sabiex jinkisbu stimi bil-għan li l-Kunsill jirrikorri għall-proċedura tad-*direct order* kif ġie approvat fis-seduta Nru. 48. Fil-fatt inħarġet sejħa fost ħdax-il kuntrattur inkluż id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubblici. Is-Sejħa għalqet fl-10 ta' April f'12:00 u ma kienx hemm rispons għaliha lanqas. Reġgħet saret sejħa oħra fil-21 ta' April u din id-darba saret talba oħra lil tliet kuntratturi differenti. Is-sejħa tagħlaq fit-8 ta' Mejju 2023.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2023 – Tisbiħ tat-taraġ pubbliku fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li s-sejħa msemmija għalqet fit-28 ta' Marzu 2023 u kien hemm żewġ offerenti: North2South Ltd u Luxury Builders Ltd. L-

evalwazzjoni tagħha ma setatx titkompla minħabba n-nuqqas ta' dokument – il-Kwestjonarju dwar l-Offerta Teknika - li kellu jkun hemm mas-sottomissjonijiet oriġinali. Għaldaqstant il-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni ddeċieda li jerġa' joħroġ is-sejħa, kif fil-fatt sar fil-21 ta' April 2023.

10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**11.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2023 – Xogħlijiet ta' titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li attwalment qed isiru t-tħejjijiet sabiex toħroġ sejħa għall-xogħlijiet ta' titjib fis-Sala tal-Kunsill li ser jiġi ffinanzjat taħt il-Miżura 2 tal-Programm Ewropew dwar l-Iżvilupp Rurali 2014-2020. Is-Sur C. Debono spjega li t-titjib jinvolvi:

- Trazzin ta' dħul ta' ilma tax-xita mill-faċċata tal-binja;
- Kisi ta' ħitan fuq ġewwa bl-injam;
- L-art issir bil-*parquet*;
- Xogħol ta' *gypsum* biex jingħalaq fuq it-taraġ u jinbidel is-suffett;
- Tibdil fis-sistema tal-elettriku; u
- Spusstjar tal-units tal-arja kkundizzjonata.

11.3. Is-Sur C. Debono qal li s-sejħa għall-offerti għandha tinkludi xogħol ta' renovar fuq il-faċċata fuq barra kif ukoll spezzjoni ta' pajpijiet li qed jagħmlu l-ilma tax-xita li qed jidħol fil-binja.

11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo esprima r-riżervi tiegħu dwar l-użu tal-*gypsum* fis-suffett, kif ukoll għall-*cladding* tal-ħitan bl-injam.

11.5. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-applikazzjoni għall-fondi saret bil-materjali msemmija u f'dan l-istadju ma jkunx għaqli li jsiru tibdiliet.

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 21 ta' April 2023. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* bejn is-7 ta' Marzu u t-3 ta' April 2023.

12.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn l-25 ta' Marzu u l-21 ta' April 2023.

12.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10:15 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**